MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Numru. 1319/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Vincent Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Vincent Zammit ta' 38 sena mwieled H'Attard nhar it-28 ta' Marzu, 1958, bin Michelangelo u Maria Dolores nee' Bonello residenti gewwa Unity No.8, Triq l-Ghonnella , Mosta, detentur ta' karta ta' l-identita' 159768M, li gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-4 ta' Novembru, 2006 bejn is-2p.m. u t-8p.m. minn gewwa Ward M5 ta' l-Isptar San

Luqa, G'Mangia Pieta', ikkometta serq ta' telefon cellulari ta' l-ghamla Nokia 3310, ghad-detriment ta' Guzeppi Attard minn tas-Sliema, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur u dan ai terminu ta' l-artikolu 261 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'diversi postijiet fil-gzejjer Maltin, bejn l-4 ta' Novembru, 2006 u s-7 ta' Novembru, 2006 xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentament indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe' l-oggett imsemmi fl-ewwel akkuzi a detriment ta' l-istess persuna imsemmija kif ukoll accessorji ohra a detriment ta' Guzeppi Attard u dan ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 19 ta' Dicembru, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-21 ta' Gunju, 2007 ai termini ta' l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Gunju, 2007 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u kkopera bis-shih fil-kors ta' l-investigazzjonijiet kif ukoll li ir-refurtiva giet rritornat lura lid-derubat.
Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 268 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza kif minnu ammessa u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Peress li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------